


# L-ILSIEN MALTI FL-ISTAMPA U X-XANDIR

IL-MALTI QED JIŻDIDHULU R-RIŻORSI U L-GĦODOD LI BIHOM DAWK LI JAĦDMU FIL-QASAM TAL-KOMUNIKAZZJONI JISTGĦU JAĦDMU AĦJAR, DEJJEM JEKK IKUNU MĦEJJIJIN SEWWA U GĦANDHOM RIEDA TAJBA. DAN L-ARTIKLU MIKTUB MIS-**SUR CHARLES FLORES** JAGĦTI ĦARSA LEJN IL-ĦIDMA TIEGĦU, BI SĦAB MA' ENTITAJIET OĦRA, B'RISQ IL-MALTI F'DAN IL-QASAM

L-ilsien Malti baqa' ħaj, stagħna u żviluppa l-aktar għax il-biċċa l-kbira tal-Maltin baqgħu u għadhom iħaddmuh fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Lingwa tibqa' ħajja dment li jkun hemm min jużaha bħala strument utli ta' komunikazzjoni u għajn ta' kreattività. Jekk ma tintużax u ma titħalliex tevolvi, il-lingwa tiffossilizza u ssir ħaġa tal-imgħoddi għall-istudjużi biss, kif ġralhom bosta lingwi żgħar u saħansitra kbar, bħal-Latin.

Il-Malti hu parti importanti mill-identità tagħna, kif jidher mill-użu tiegħu fid-djar, fl-iskejjel, fil-knejjes, fl-uffiċċji, fil-qasam politiku u, mhux inqas, fil-gazzetti u l-internet (l-istampa) u fir-radju u t-televiżjoni (ix-xandir). Il-gazzetti u l-istazzjonijiet lokali bil-Malti minn dejjem kienu, u għadhom, numerużi meta mqabbla mal-qies territorjali u demografiku ta' pajjiżna. L-istess jista' jingħad għall-għadd ta' kotba ġodda bil-Malti li jiġu ppubblikati kull sena.

L-għodda ewlenija li għandhom il-ġurnalisti u x-xandara biex iwasslu l-informazzjoni lill-pubbliku hi l-lingwa. L-iżviluppi teknoloġiċi fetħu triqat ġodda għal kull min jaħdem f'dan il-qasam u żiedu l-għejun ta' informazzjoni u tal-aħbarijiet, kemm imxandra kif ukoll stampati. Dan ma jfissirx li kollox ward u żahar. Il-perċezzjoni negattiva li għandhom diversi nies dwar il-Malti fl-istampa u x-xandir għandha l-għeruq tagħha fl-iżbalji kapriċċużi li spiss jidhru u jinstemgħu minħabba nuqqas ta' tħejjija ta' xi wħud fis-settur. Maż-żmien nibtet ċerta preokkupazzjoni dwar il-kwalità tal-Malti miktub u mitkellem mill-ġurnalisti u x-xandara tagħna, tant li nħasset il-ħtieġa li jittieħdu inizjattivi konkreti biex dawn jingħataw korsijiet u riżorsi li jgħinuhom iwasslu l-istejjer u jippreżentaw aħjar il-programmi tagħhom bil-Malti.

Għal dan il-għan, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jikkollabora f'inizjattivi mal-Awtorità tax-Xandir, l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM), u s-Servizz tax-Xandir Pubbliku (PBS). Fost l-oħrajn, il-Kunsill tal-Malti daħal fi ftehim mal-PBS għall-qari tal-provi tal-grafika u ż-żigarella bil-punti ewlenin tal-bulettin tal-aħbarijiet tat-tmienja. Barra minn hekk, bl-appoġġ tal-Awtorità tax-Xandir, il-Kunsill ħadem fuq abbozz ta' Avviż Legali aġġornat li għandu joffri linji gwida fl-użu tal-Malti fil-mezzi tax-xandir. Bl-appoġġ sħiħ tal-Awtorità tax-Xandir kull sena qed jiġu offruti numru ta' postijiet għax-xandara u l-ġurnalisti fil-kors universitarju tal-qari tal-provi bil-Malti. Minn żmien għal żmien, fis-sit tal-Kunsill jittellgħu wkoll riżorsi ta' għajnuna għax-xandara.

Barra minn hekk, kemm l-Università kif ukoll l-MCAST qegħdin joffru korsijiet għall-istudenti li jixtiequ jagħmlu karriera f'dan il-qasam. Fejn jidħol il-Malti ġew introdotti servizzi siewja ta' tagħlim u taħriġ fil-livelli kollha tas-sistema edukattiva bl-għan li meta dak li jkun jasal biex jiddeċiedi fuq karriera ġurnalistika, ikollu diġà tliet kwarti mit-triq lesta.

Imma l-istorja ma tiqafx hawn. Hu meħtieġ li anki dawk li jimpjegaw lill-ġurnalisti – il-pubblikaturi tal-gazzetti, l-istazzjonijiet u l-aġenziji tar-reklamar – jagħrfu r-responsabbiltà tagħhom f'dan il-qasam. Mhuwiex biżżejjed li gazzetta, sit elettroniku jew stazzjon ikollhom l-aħjar prodott kreattiv u l-aqwa tagħmir teknoloġiku; hu meħtieġ li, qabelxejn, jinvestu fl-aħjar nies, jiġifieri f'ġurnalisti u xandara mħejjijin lingwistikament tajjeb. Fl-istess ħin, importanti li minn żmien għal żmien, bi sħab mal-Kunsill, joffru korsijiet ta' tisħiħ fil-Malti komunikattiv u jinċentivaw lill-impjegati tagħhom biex jattenduhom.

Dawk kollha involuti – l-għalliema, l-istudjużi, l-istudenti, il-ġurnalisti u x-xandara, is-sidien pubbliċi u privati tal-istazzjonijiet tar-radju u t-televiżjoni, kif ukoll l-awtoritajiet – għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jipproduċu xogħol ta' kwalità professjonali bil-Malti. B'hekk ukoll, dawk li għandhom ix-xewqa li jidħlu f'dan il-qasam jitrawmu f'kultura responsabbli li tagħti importanza lill-professjonalità, inkluż fl-użu tal-lingwa.

Biex tikteb bil-Malti fil-kompjuter m'hemmx bżonn tniżżel u tinstalla tipi (fonts) apposta għax is-sistemi tal-Microsoft u tal-Mac jinkludu l-ittri tal-Malti (Ġġ, Ħħ, Àà, eċċ.) diġà. Kulma trid, tattivahom u tista' tikteb bil-Malti, fost l-oħrajn, fil-Word, fl-Excel, fil-Facebook, fl-ittri elettroniċi – u l-kitba tiegħek tidher mingħajr simboli strambi.

Jekk qed tuża tablet jew smartphone tista' tinstalla l-app tal-Malti. Hemm żewġ apps b'xejn – waħda għall-Android u l-oħra għall-iOS.

Issib kollox mit-taqsima tal-Ħoloq Pronti tas-sit tal-Kunsill tal-Malti. Tista' ssegwi wkoll il-filmati mill-istazzjon tiegħu tal-YouTube.

**www.kunsilltalmalti.gov.mt**
www.youtube.com/kunsilltalmalti